Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1004/2010**

tat-8 ta' Novembru 2010

dwar it-tnaqqis ta' ċerti kwoti tas-sajd għall-2010 minħabba sajd żejjed tal-ħut fis-sena ta' qabel

(ĠU L 291, 9.11.2010, p. 31)

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 86, 1.4.2011, p. 78 (1004/2010)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1004/2010

tat-8 ta' Novembru 2010

dwar it-tnaqqis ta' ċerti kwoti tas-sajd għall-2010 minħabba sajd żejjed tal-ħut fis-sena ta' qabel

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 105(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwoti tas-sajd għall-2009 kienu stabbiliti:

— mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1322/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2009 ([2]),

— mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1139/2008 tal-10 ta' Novembru 2008 li jistabbilixxi, għall-2009, l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati applikabbli fil-Baħar l-Iswed għal ċerti stokkijiet ta' ħut ([3]),

— mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1359/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 li jiffissa għall-2009 u l-2010 l-opportunitajiet ta' sajd ta' bastimenti tas-sajd Komunitarji għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond ([4]), u

— mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi għall-2009 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid.

(2) Il-kwoti tas-sajd għall-2010 kienu stabbiliti:

— mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1359/2008,

— mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1226/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2010 ([5]),

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 345, 23.12.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 308, 19.11.2008, p. 3.
([4]) ĠU L 352, 31.12.2008, p. 1.
([5]) ĠU L 330, 16.12.2009, p. 1.

▼B

— mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1287/2009 li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kundizzjonijiet relatati magħhom, għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fil-Baħar l-Iswed għall-2010 ([1]), u

— mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 53/2010, tal-14 ta' Jannar 2010 li jistabbilixxi għall-2010 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1359/2008, (KE) Nru 754/2009, (KE) Nru 1226/2009 u (KE) Nru 1287/2009 ([2]).

(3) Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru jkun qabeż il-kwoti tas-sajd li kienu allokati lilu, il-Kummissjoni għandha tnaqqas il-kwoti tas-sajd tal-futur ta' dak l-Istat Membru.

(4) Ċerti Stati Membri qabżu l-kwoti tas-sajd allokati lilhom għall-2009. Għalhekk huwa xieraq li jitnaqqsulhom il-kwoti tas-sajd li kienu allokati lilhom għall-2010.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 649/2009 ([3]) naqqas il-kwoti tas-sajd tal-2009 minħabba sajd żejjed mill-kwoti fl-2008. Madankollu, għal ċerti Stati Membri t-tnaqqis li kellu jsir kien ikbar mill-kwoti rispettivi tagħhom għall-2009 u għalhekk ma setax iseħħ kollu matul dik is-sena. Sabiex ikun żgurat li f'każijiet bħal dawn jitnaqqas l-ammont kollu, għandhom jitqiesu l-kwantitajiet li jkun għad fadal meta jiġi stabbilit it-tnaqqis mill-kwoti tal-2010.

(6) It-tnaqqis li dwaru hemm dispożizzjoni f'dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr ħsara għat-tnaqqis applikabbli għall-kwoti tal-2010 skont:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 147/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jadatta ċerti kwoti tas-sajd mill-2007 sal-2012 skont l-Artikolu 23(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd [tas-Sajd] ([4]) u

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 635/2008 tat-3 ta' Lulju 2008 li jadatta l-kwoti tas-sajd għall-merluzz li għandhom ikunu allokati lill-Polonja fil-Baħar Baltiku (Subdiviżjonijiet 25-32, Ilmijiet tal-KE) mill-2008 sal-2011 skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/2008 ([5]).

(7) L-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jgħid li l-kwoti tas-sajd għandhom jitnaqqsu billi jiġu applikati ċerti fatturi ta' multiplikazzjoni mogħtija f'dak il-paragrafu.

(8) Madankollu, minħabba li t-tnaqqis li għandu jsir japplika għal sajd żejjed li seħħ fl-2009 u b'hekk fi żmien meta kien għadu ma bediex japplika r-Regolament (KE) Nru 1224/2009, it-tħassib dwar il-prevedibbiltà legali jitlob li jsir tnaqqis li ma jkunx iktar

([1]) ĠU L 347, 24.12.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 21, 26.1.2010, p. 1.
([3]) ĠU L 192, 24.7.2009, p. 14.
([4]) ĠU L 46, 16.2.2007, p. 10.
([5]) ĠU L 176, 4.7.2008, p. 8.

▼B

strett minn dak li kien jirriżulta li kieku wieħed japplika r-regoli li kienu fis-seħħ dak iż-żmien, jiġifieri r-regoli mogħtija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti [1],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-kwoti tas-sajd stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 1226/2009, (KE) Nru 1287/2009, (KE) Nru 1359/2008, u (UE) Nru 53/2010 qed jitnaqqsu kif muri fl-Anness.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika mingħajr ħsara għat-tnaqqis ipprovdut fir-Regolamenti (KE) Nru 147/2007 u (KE) Nru 635/2008.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

[1] ĠU L 115, 9.5.1996, p. 1.

▼B

ANNESS

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Isem iż-żona fl-2009	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona fl-2009	Penali skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96	Kwota finali tal-2009	Marġni	Kwantità totali adattata għall-2009	Qabdiet tal- SC fl-2009	Qabdiet fl-2009	Qabdiet totali fl-2009	%	Tnaqqis	Kwantità tal- bidu tal-2010	Tnaqqis li għad irid isir mill- 2009 (ir- Regolament (KE) Nru 649/2009)	Kwantità riveduta għall-2010	Bilanċ li baqa'
BGR	TUR	F3742C	Barbun imperjali	Il-Baħar l-Iswed	Iva	50,00	0,0	50,00	0,0	52,26	52,26	104,5 %	–2,26	48,00		46	
DEU	PLE	3BCD-C	Barbun tat-tbajja'	Ilmijiet tal-KE tas-subdiviżjonijiet 22-32	Iva	305,00	0,0	305,00	0,0	314,70	314,70	103,2 %	–9,70	242,00		232	
DNK	DGS	03A-C.	Mazzola griża	Ilmijiet tal-KE taż-żona IIIa	Iva	36,00	0,0	36,00	0,0	51,10	51,10	141,9 %	–15,10	3,00			12
ESP	BLI	67-	Linarda	Iż-żoni VI u VII (Ilmijiet tal-Komunità u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni ta' pajjiżi terzi)	Iva	68,00	0,0	68,00	0,0	187,60	187,60	275,9 %	– 159,96	57,00			103
EST	COD	3BC+24	Merluzz	Ilmijiet tal-KE tas-subdiviżjonijiet 22-24	Iva	190,00	0,0	190,00	0,0	192,50	192,50	101,3 %	–2,50	171,00		169	
EST	HER	03D.RG	Aringa	Is-subdiviżjoni 28.1	Iva	16 113,00	0,0	16 113,00	0,0	17 279,00	17 279,00	107,2 %	–1 166,-00	16 809,00		15 643	

▼B

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Isem iż-żona fl-2009	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona fl-2009	Penali skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96	Kwota finali tal-2009	Marġni	Kwantità totali adattata għall-2009	Qabdiet tal- SC fl-2009	Qabdiet fl-2009	Qabdiet totali fl-2009	%	Tnaqqis	Kwantità tal- bidu tal-2010	Tnaqqis li għad irid isir mill- 2009 (ir- Regolament (KE) Nru 649/2009)	Kwantità riveduta għall-2010	Bilanċ li baqa'
EST	RED	N3M.	Redfish	Iż-żona 3M tan-NAFO	Iva	1 540,00	0,0	1 540,00	0,0	2 182,10	2 182,10	141,7 %	– 729,54	1 571,00		841	
EST	SPR	03A.	Laċċa kaħla	Iż-żona IIIa	Iva	0,00	0,0	0,00	0,0	0,00	0,00	0,0 %	0,00	0,00	– 150,00		150
FRA	BLI	245-	Linarda	Ilmijiet tal-Komunità u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is- sovranità jew il-ġuriżdizzjoni ta' pajjiżi terzi taż-żoni II, IV u V	Le	51,00	0,0	51,00	0,0	59,50	59,50	116,7 %	–8,50	25,00		17	
GRC	BFT*	AE045W	Tonn	L-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-longitudni 45° W, u l-Mediterran	Le	362,40	0,0	362,40	0,0	373,10	373,10	103,0 %	–10,70	130,30		120	

▼C1

—																	
—																	

▼B

IRL	HAD	7X7A34	Haddock	Iż-żoni VIIb-k, VIII, IX u X; l-ilmijiet tal-UE tal-CECAF 34.1.1VIIb-k, VIII, IX and X; EU waters of CECAF 34.1.1	Iva	2 965,00	0,0	2 965,00	0,0	2 984,00	2 984,00	100,6 %	–19,00	2 573,00		2 554	

▼B

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Isem iż-żona fl-2009	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona fl-2009	Penali skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96	Kwota finali tal-2009	Marġni	Kwantità totali adattata għall-2009	Qabdiet tal- SC fl-2009	Qabdiet fl-2009	Qabdiet totali fl-2009	%	Tnaqqis	Kwantità tal- bidu tal-2010	Tnaqqis li għad irid isir mill- 2009 (ir- Regolament (KE) Nru 649/2009)	Kwantità riveduta għall-2010	Bilanċ li baqa'
▼C1																	
NLD	PLE	03AN.	Barbun tat-tbajja'	Skagerrak	y	303,00	0,0	303,00	0,0	305,60	305,60	100,9%	–2,60	1 400,00		1 397	
▼B																	
NLD	OTH	4AB-N	Speċijiet oħra	Ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV	Iva	64,00	0,0	64,00	0,0	68,90	68,90	107,7 %	–4,90	200,00		195	
NLD	BSF	56712-	Ċinturin iswed	Ilmijiet tal-Komunità u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is- sovranità jew il-ġuriżdizzjoni ta' pajjiżi terzi taż-żoni V, VI, VII u XII	Le	0,00	0,0	0,00	0,0	0,00	0,00	0,0 %	0,00	0,00	–5,00		5
NLD	SBR	678-	Bażuga kaħlija	Ilmijiet tal-KE u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il 5 - ġuriżdizzjoni ta' pajjiżi terzi taż-żoni VI, VII u VIII	Le	15,00	0,0	15,00	0,0	6,60	6,60	44,0 %	0,00	0,00	–6,00		6
POL	COD	1/2B.	Merluzz	Ibħra internazzjonali taż-żoni I u Iib	Iva	1 188,00	0,0	1 188,00	0,0	1 189,60	1 189,60	100,1 %	–1,60	1 838,00		1 836	

▼B

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Isem iż-żona fl-2009	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona fl-2009	Penali skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96	Kwota finali tal-2009	Marġni	Kwantità totali adattata għall-2009	Qabdiet tal- SC fl-2009	Qabdiet fl-2009	Qabdiet totali fl-2009	%	Tnaqqis	Kwantità tal- bidu tal-2010	Tnaqqis li għad irid isir mill- 2009 (ir- Regolament (KE) Nru 649/2009)	Kwantità riveduta għall-2010	Bilanċ li baqa'
POL	HER	3BC+24	Aringa	Is-subdiviżjonijiet 22-24	Iva	4 666,00	0,0	4 666,00	0,0	5 479,70	5 479,70	117,4 %	– 848,41	2 953,00		2 105	
POL	COD	1N2AB.	Merluzz	Ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	Iva	0,00	0,0	0,00	0,0	0,00	0,00	0,0 %	0,00	0,00	–2,00		2
POL	GHL	514GRN	Ħalibatt tal-Groenlandja	Ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV	Iva	1 002,00	0,0	1 002,00	0,0	974,10	974,10	97,2 %	0,00	0,00	–2,00		2
POL	GHL	1N2AB.	Ħalibatt tal-Groenlandja	Ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	Iva	8,00	0,0	8,00	0,0	0,00	0,00	0,0 %	0,00	0,00	–1,00		1
POL	RED	514GRN	Ħalibatt tal-Groenlandja	Ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV	Iva	602,00	0,0	602,00	0,0	177,80	177,80	29,5 %	0,00	0,00	–1,00		1
POL	HAD	2AC4.	Haddock	Iż-żona IV; ilmijiet tal-KE taż-żona IIa	Iva	80,00	0,0	80,00	0,0	0,20	0,20	0,3 %	0,00	0,00	–16,00		16
POL	WHB	1X14	Stokkafixx	Ilmijiet tal-KE u ibħra internazzjonali taż-żoni I, II, III, IV, V,VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId, VIIIe, XII u XIV	Iva	0,00	0,0	0,00	0,0	0,00	0,00	0,0 %	0,00	0,00	–8,00		8
POL	MAC	2A34.	Kavalli	Iż-żoni IIIa u IV; ilmijiet tal-KE taż-żoni IIa, IIIb, IIIc u IIId	Iva	0,00	0,0	0,00	0,0	0,00	0,00	0,0 %	0,00	0,00	–5,00		5

▼B

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Isem iż-żona fl-2009	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona fl-2009	Penali skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96	Kwota finali tal-2009	Marġni	Kwantità totali adattata għall-2009	Qabdiet tal- SC fl-2009	Qabdiet fl-2009	Qabdiet totali fl-2009	%	Tnaqqis	Kwantità tal- bidu tal-2010	Tnaqqis li għad irid isir mill- 2009 (ir- Regolament (KE) Nru 649/2009)	Kwantità riveduta għall-2010	Bilanċ li baqa'
PRT	GFB	89-	Lipp tal-qawwi	Ilmijiet tal-Komunità u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is- sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi taż-żoni VIII u IX	Le	9,00	0,0	9,00	0,0	9,90	9,90	110,0 %	–0,90	10,00		9	
PRT	RED	51214.	Redfish	Ilmijiet tal-KE u ibħra internazzjonali taż-żona V; ibħra internazzjonali taż-żoni XII u XIV	Iva	1 628,00	0,0	1 628,00	0,0	1 708,40	1 708,40	104,9 %	–80,40	896,00		816	
PRT	ANF	8C3411	Petriċi	Iż-żoni VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-KE tal-CECAF 34.1.1	Iva	328,00	0,0	328,00	0,0	338,60	338,60	103,2 %	–10,60	248,00		237	
PRT	HAD	1N2AB.	Haddock	Ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	Iva	395,00	0,0	395,00	0,0	357,30	357,30	90,5 %	0,00	0,00	– 458,00		458
PRT	POK	1N2AB.	Pollakkju (= Saithe)	Ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	Iva	203,00	0,0	203,00	0,0	128,20	128,20	63,2 %	0,00	0,00	– 294,00		294
PRT	GHL	1N2AB.	Ħalibatt tal-Groenlandja	Ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	Iva	0,00	0,0	0,00	0,0	10,00	10,00	0,0 %	–10,00	0,00	–1,00		11

▼B

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Isem iż-żona fl-2009	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona fl-2009	Penali skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96	Kwota finali tal-2009	Marġni	Kwantità totali adattata għall-2009	Qabdiet tal- SC fl-2009	Qabdiet fl-2009	Qabdiet totali fl-2009	%	Tnaqqis	Kwantità tal- bidu tal-2010	Tnaqqis li għad irid isir mill- 2009 (ir- Regolament (KE) Nru 649/2009)	Kwantità riveduta għall-2010	Bilanċ li baqa'
UK	BET	ATLANT	Tonn għajnu kbira	L-Oċean Atlantiku		26,30	0,0	26,30	0,0	26,30	26,30	100,0 %	0,00	0,00	–10,00		10